BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed terga' tigi msejjah biex tattendi ghat-Tlieta-u-Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tnejn 1 ta' Dicembru 2008, fis-6:30pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

---

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 32**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4 **Devoluzzjoni shiha ta' Gnien l-Istazzjon**
5 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 25**
6 **Korrispondenza**
7 **Komunikazzjoni mis-Sindku**
8 **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera***
9 **Eghluq**

---

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

- **Il-Mistoqsijiet li jsiru waqt il-laqgha jridu jkunu prezentati bil-miktub.**
- **Din il-laqgha qed terga' tigi msejha peress li nhar il-Hamis, 27 ta' Novembru 2008 ma kienx hemm kworum**

BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed tigi mitlub biex tattendi ghat-Tlieta-u-Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar il-Hamis, 27 ta' Novembru 2008, fis-6:30pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 32**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4 **Devoluzzjoni shiha ta' Gnien l-Istazzjon**
5 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 25**
6 **Korrispondenza**
7 **Komunikazzjoni mis-Sindku**
8 **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera***
9 **Eghluq**

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

**NB:- * Il-Mistoqsijiet li jsiru waqt il-laqgha jridu jkunu prezentati bil-miktub.**

BIRKIRKARA

Peress li nhar il-Hamis, 27 ta' Novembru 2008 sas-7 :00pm ma kienx hawn kworum biex issir it-Tlieta-u-Tletin laqgha tal-Kunsill, is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami fil-prezenza tal-kunsilliera s-Sinjuri : Dr. George Debattista, Dr. Josianne Cardona Gatt, u Jimmy Calleja, ippospona l-laqgha ghat-Tnejn l-1 ta' Dicembru 2008 fis-6 :30pm u bl-istess agenda.

Minuti tat-Tlieta-u-Tletin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 1 ta' Dicembru 2008 mis-6:45p.m. sat-8:25pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Michael Camilleri |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | |
| | Is-Sinjura Doris Borg --- Assenti imma Skuzata |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo ---Assenti |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri -- Assenti |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt ---Assenti imma Skuzata |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw --- Assenti imma Skuzata |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, Michael Camilleri, u Dr. George Debattista. Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg dahlet fil-kamra fis-6:55pm Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Roberto J. Buontempo, Charlene Camilleri, Dr.Josianne Cardona Gatt u Mary Spiteri Shaw kienu assenti imma skuzati. Ghal din il-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin- numru 32**

Il-Minuti tat-Tnejn-u -Tletin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Huma gew approvati wara li s-Sur Michael Camilleri talab zieda f'pagna 2, wara l-paragrafu li jibda ' saret diskussjoni' u jispicca ' lanqas mil-LES'. Wara l-minuti gew approvati b' seba' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, Sergio Carbonaro, John Mary Calleja, u Dr. George Debattista..

**3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti**

3.1 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-awditur biex issir laqgha mieghu biex jigu kkarifikati xi punti li ssemmew fl-ittra tieghu ? Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami filwaqt li wiegeb fil-posittiv qal li l-Kunsill kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta minghandu.

3.2 Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa jekk l-accountant kienx lesta l-Cash Flow Projections ? Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li dawn kienu qed jigu ppreparati umeta jkunu lesti jigu mressqa quddiem il-Kunsill.

**4 Devoluzzjoni Shiha ta' Gnien l-Istazzjon**

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri prezenti illi hu f'isem il-Kunsill kien talab ufficjalment illi lid-Dipartiment ta' l-artijiet biex il-Kunsill jinghata devuluzzjoni shiha ta' gnien l-Istazzjon. Hu qal li dan kien mehtieg biex il-Kunsill ikun jista' jikri l-imsemmi kif ukoll vis-a-vis il-kuntratti li gew iffirmati ma' Ta' Monita, mal-Gvern rigward ic-Child Care Centre u ma ta' l-Old Motors Club. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fuq dan ir-rigward fejn il-membri kollha prezenti b'seba' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet qablu ma dak li kien qed jitlob is-Sindku cioe' li l-Kunsill jitlob ghad-devuluzzjoni shiha ta' Gnien l-Istazzjon. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier Mark G. Abdilla Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, Sergio Carbonaro, John Mary Calleja, u Dr. George Debattista.

Hawnhekk dahlet fil-kamra s-Sinjura Joanne Borg. Il-hin kien is-6:55pm.

**5 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u Pagamenti numru 25**

Il-listi tax-xiri u l-pagamenti numru 25 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saru xi mistoqsijiet li ghalihom wiegeb is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami. Dwar items bin-numru 11, u 85 is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kien iltaqa' mas-Sur Michael Chetcuti biex jara ezattament hu x'kien qed jitlob, u dan kif kien ssuggerit mill-istess kunsill f'wahda mil-laqghat precidenti. Is-Sindku kompla jghid illi wara li hu kien ezaminina l-fatti kif kienu graw u wara li hu kkomunika ma' l-avukat tal-Kunsill kien wasal ghall-konkluzjoni illi biex il-Kunsill ma' jidholx f'izjed spejjez, hu kien ha ddecizjoni u dan anke fuq parir ta' l-avukat tal-kunsill, illi l-kunsill ghandu mmedjatament ihallas ghall-ispejjez li kien sofra is-Sur Chetcuti basta s-Sur Chetcuti iwaqqaf il-kawza li kien fetah kontra l-Kunsill. Infatti s-Sindku qal li s-Sur Chetcuti thallas ghall-ispejjez li kien sofra u dan sar qabel tkompliet tinstema l-kawza. Fuq ddecizzjoni li ha s-Sindku rigward din il-kawza kien hemm qbil unanimu.

Wara li l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 25. Il-lista giet approvata minghar bdil, b' tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, Sergio Carbonaro, John Mary Calleja, u Dr. George Debattista.

**6 Korrispondenza**

6.1 Ittra minghand Ms. Emanuela Saliba f'isem l-Ghaqda tan-Nisa Romol. Saret diskussjoni fejn wara unanimament il-membri kollha prezenti qablu li l-Kunsill ghandu jorganizzaw party zghir flimkien ma' l-Ghaqda bl-ispiza m'ghandix tkun aktar minn € 50.

6.2 Ittra bid-data ta' l-24 ta' Ottubru 2008 minghand is-Sur Raymond Micallef f'isem *Subculture Animal Friends.*

6.3 Ittra ta' ringrazzjament minghand is-Sur Omar Coleiro f'isem il-Kazin Santa Liena Banda Duke of Connaught's Own. Hawnhekk is-Sindku ghamel riferenza ghal-peagent li l-Kazin irrid jorganizza gewwa Gnien l-Istazzjon. Is-Sindku qal li s-Sur Omar Colero kien inkarigat mill-Kumitat biex jiltaqa' mieghu (mas-Sindku) biex jispjega ezattament x'kien ser jintrama gewwa l-Gnien ghal din il-peagent. Is-Sindku qal li sal-lum, is-Sur Coleiro ma kienx ghadu kkuntattjah

6.4 Il-Kunsillier s-Sur Anthony Buttigieg ghamel riferenza ghall-ittra bid-data tat-18 ta' Novembru 2008 minghand is-

Segretarju tal-Partit Laburista (B'kara), is-Sur Joe Grima dwar il-lapida kommemorattiva li tikkommemora Jum il-Helsien 1979. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami filwaqt li sostna li ma kienx jaf b'din il-lapida qal li hu ma jsib l-ebda oggezzjoni li din terga issir gewwa Gnien l-Istazzjon. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

6.5 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghall-email bid-data tad-19 ta ' Novembru 2008 minghand is-Sur Mario Fava f'isem is-Segretarjat Kunsilli Lokali Partit Laburista. Hu talab biex il-Kunsill jibda jibghatlu b'email kopja tal-minuti u l-agenda tal-laqghat tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Ezekuttiv jibda jibghat id-dokumenti b'email lill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg li min-naha taghha mbaghad taghaddihom hi lis-Sur Fava. Dwar din id-decizjoni is-Sur Fava ser jigi nfurmat mis-Sinjura Joanne Borg.

## 7 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri prezenti illi :-

a Invista tat-tariffi l-godda tad-dawl u l-ilma kull dipartiment fic-Centru Civiku gie mitlub biex jaghmel *meter* separat ghalih. Infatti d-Dipartiment tas-Sahha kien accetta din il-proposta u qed jahdem fuq din il-haga.

b Dwar l-airconditioner fic-Centru Civiku l-Gvern kien ta' ordni biex kull dipartiment fic-Centru Civiku jaghmel *split units* ghalih.

c Dwar il-Fondi li qed taghti l-Mepa u l-kwistjoni li ghaddejja bhalissa ma l-AKL, is-Sindku qal li l-Kunsill taghna ma kienx involut. Is-Sindku qal li fil-granet li ghaddew il-Kunsill kien applika biex jiehu l-fondi ghal dawk l-isqaqien li kienu tlestew mill-Kunsill fl-ahhar xhur.

d Dwar l-*Urban Regeneration Project* is-Sindku qal li hu u s-Segretarju Ezekuttiv kienu iltaqaw mac-CEO ta' l-Awtorita tad-Djar biex naraw kif nistghu naghlqu l-kwistjoni li kien hemm bejn iz-zewg partijiet. Dwar is-somma li l-Kunsill kien qed jikkontesta u li kienet tkopri wkoll fiha l-varjazzjonijiet li kien hemm fuq dan il-progett, l-Awtorita kienet lesta li thallas € 30,000 lill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa li meta tqies kollox ma kollox il-Kunsill ghandu jaccetta s-somma ta' € 30,000 basta l-Kunsill ma jkollux x'jaqsam mal-manutenzjoni ordinarja u ex ordinarja. **Is-suggeriment tas-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg ghadda b'seba' voti favur, wiehed kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, Sergio Carbonaro u John Mary Calleja. Dr. George Debattista ivvota kontra.**

Hawnhekk Dr. George Debattista talab rapport li jkun juri kemm kien thallas il-Perit tal-Kunsill minn mindu kien beda dan l-Progett. Hu qal li rapport ghandu juri wkoll kemm thallas il-Kunsill min-mindu beda l-progett, mill-Awtorita tad-Djar. Dwar il-varjazzjonijiet li kien hemm, Dr. Debattista talab li l-Perit ghandu jipprezenta lill-Kunsill rapport dettaljat. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

## 8 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

8.1 Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri ssuggerixxa li ghandha tigi stabbilita gurnata ghal meta jsiru laqghat tal-Kunsill ? Kien hemm qbil unanimu li laqghat ghandhom isiru fil-gurnata tat-Tnejn. Hawnhekk is-Sindku qal li hu kien qed jissuggerixxi illi b'sehh minn Jannar sa Gunju 2009 il-laqghat ghandhom isiru gewwa swali differenti li hawn madwar il-lokalita'. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

8.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri staqsa dwar il-bzonn li t-Torri ta' Triq Psaila kif ukoll in-Nicca ta' l-Infetti jigu rrestawrati. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Heritage Malta.

8.3 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa jekk huwiex possibbli li l-agenda tal-laqghat tal-Kunsill tissemma fuq il-BKR Radio. ? Hu ssuggerixxa wkoll li ghanda issir skeda ghal kunsilliera biex huma jmorru jitkellmu fuq l-istess

radju ? Fuq dan kien hemm qbil unanimu. Ghal dan il-ghan is-Segretarju Ezekuttiv kien ser iqabbad lill-impjegata Dorianne Pullicino biex tiehu hsien dan.

8.4 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg filwaqt li nfurmat lill-Kunsill bil-vizita li kien ser jaghmel il-Mezxxej ta'PL, is-Sur Joseph Muscat gewwa l-Kunsill Lokali nhar it-12 ta' Dicembru 2008 staqsiet jekk kienx possibbli li l-P.L juza s-Sala tal-Kunsill biex is-Sur Joseph Muscat ikun jista jindirizza lill-NGO's. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla talab li jkun skuzat.Il-hin kien it-8.00pm

8.5 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa :- Meta kien sejjer jitkompla t-*Traffic Management System* ghan-naha Ta' Paris u s-Swatar (*il-One Way System)*? Is-Sindku wiegeb illi l-Kunsill kien ghadu ma rcieva l-ebda twegiba mill-ADT. Hawnhekk is-Sindku ghamel riferenza ghal-laqgha ta' rikonciljazzjoni li hu u Segretarju Ezekuttiv kellu mal-Perita Audrey Testaferrata deNato. Hu qal li kienu gew risolti l-problemi li kien hemm bejn iz-zewg nahat.

8.6 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa dwar il-*playing field* Ta' Paris jekk hiex sejra terga tigi msebbha mill-gdid ghar-rigward tal-gonna tal-madwar ? Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li fil-prezent kien qed isir ir-*refurbishing* tal-gonna ndikati. Hu qal li fil-jiem li gejjien kienu ser jinzerghu numru ta' sigar tal-laring liema sigar ser jinghataw lill-Kunsill minn kumpanija ta' l-Avvjazzjoni. Is-Sindku qal li din il-kumpanija ser taghti sigra lill-Kunsill ghal kull privat jet li jinzel hawn Malta.

8.7 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttieg staqsa li hemm bzonn urgenti ta' Zebra Crossing hdejn l-Isptar Mater Dei minn Triq San Giljan ghal quddiem is-Salib Rajt ma Rajtx. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Kunsill ta' San Gwann dwar dan.

8.8 Il-Kunsillier is-Sur Sergio Carbonaro staqsa kif tista tigi rrimedjata sitwazzjoni tal-monti vis-s vis ir-residenti ? Hu qal li l-monti ghandu jintrama darba fil-gimgha. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech adami qal li qabel tinbidel il-ligi l-Kunsill ma jista jaghmel xejn. Is-Sindku fakkar li meta hu u Segretarju Ezekuttiv pruvaw jipperswadu lil bejjiegha biex jibdew jarmw fin-nofs ta' Triq Tumas Fenech (il-parti ta' fuq) huma sabu opozizzjoni qawwija min-naha tal-bejjiegha.

8.9 Il-Kunsillier is-Sur Sergio Carbonaro staqsa :- X'kienu l-hinijiet tal-gbir ta' l-iskart ? Hu rrimarka ukoll ghat-*tickets* li kienu qed jaghtu l-*green wardens.*Is-Sindku ta' risposta mehtiega billi ghamel riferenza ghall-ittra li kienet intbghatet fid-djar u l-hwienet kollha tal-lokal.

8.10 Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa ; Jekk kienx possibbli li l-Kunsill jikteb u jistieden lill-Ministru Tonio Fenech ghal-laqgha li ghanda issir mar-residenti li joqghodu fil-konfini tal-monti ? Dan minhabba d-diversi problemi li qed jiltaqaw maghhom dawn ir-residenti. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

8.11 Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa jekk il-Kunsill kienx sejjer jarma n-naha tal-Knisja l-Qadima bid-dawl dekorattiv tal-Milied ? Is-Sindku qal li din is-sena, u dan minhabba l-ispiza nvoluta, kienet ser tintrama biss il-Pjazza ta' hdejn il-Bazilika ta' Santa Liena. Hu qal ukoll li din is-sena il-Kunsill kien ser jixtri Christmas Tree biex titpogga fil-Pjazza. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

8.12 Il-Kunsillier Dr George DeBattista staqsa meta kien ser jibda x-xoghol fl-isqaien ta' Triq il-Kbira Has-Sajjied u f'dawk ta' Triq Vittorio Cassar ? Is-Sindku qal li x-xoghol imsemmi kien ser jibda fl-ewwel gimghat tas-sena ddiehla. Ghal dan il-ghan il-Kunsillkien ser japplika ghal fondi mill-Mepa minhabba li xoghol kien jikkonsisti f'pavimentar.

8.13 Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa : Meta kienu ser jigu refreshed is-sinjali ta' l-art fiz-Zona tal-Knisja l-Qadima ? Is-Sindku qal li fil-prezent, u dan minhabba li lokal hu kbir kif ukoll minhabba li l-ispejjez fuq dan ir-rigward huma kbar hafna, qed isir fejn verament hemm bzonn. Is-Sindku qal li ser jiccekkja ezattament x'hemm bzonn ghal dik iz-zona.

8.14 Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa meta ser isir l-embelishment tas-soft area li hemm fi Triq Giovanni

Papaffi ? Is-Sindku qal li kien ser jiccekkja mal-ELC dwar dan.

8.15 Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa x'passi kienu ittiehdu fil-konfront tal-kuntrattur li ghandu x'jaqsam mal-gbir ta'l-iskart tall- ma ngabarx iz-ziebel f'xi nhawi ta' Triq l-Imsida, Triq in-Naxxar u fi Triq il-Wied hdejn il-Mc Donalds ? Is-Sindku qal li l-Kunntrattur kienet inhargitlu *default notice.* Hu qal li dwar dan kien infurmat ukoll il-*contracts manager* tal-Kunsill.

8.16 Il-Kunsillier Dr. George Debattista ghamel riferenza dwar konferenza li l-MEUSAC tixtieq torganizza bil-fondi tal-EU bis-sehem tal-lokalitajiet gemellati mit-13 sal-15 ta' Mejju 2009. Hu qal li l-Kunsill taghna kien ghamel kuntatt ma' Grosseto, Longobardi, u Sorrento biex naraw jekk humiex interessati li jibghatu rapprezentati taghhom. Ghal dan il-ghan huma kienu mitluba biex jibghatu diversi dokumenti nkluz il-formola tar-registrazzjoni sat-30 ta' Novembru 2008. Hu staqsa jekk il-Kunsill kellux rispons minghandhom. Is-Sindku s-Sur Michael fenech Adami qal li peress li ma gewx sottomessi d-dokumenti rikjesti min-naha taghhom, u dan minhabba li zmien kien qasir, kien intilef ic-cans li nippartecipaw f'din il-konferenza.

8.17 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa jekk kienx sar *follow up* rigward il-Monti. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li kien qed issir *enforcement* b'mod regolari kemm minhabba l-hmieg kif ukoll fuq dawk li jarmaw minghajr permess.

8.18 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg staqsiet jekk kienitx saret id-donazzjoni ta' L-interactive whiteboard, u bandiera lill-Kulleġġ Santa Tereża ta' Triq Brared. Is-Sindku wiegeb fil-posittiv.

**9 Eghluq**

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien id-8.50pm.

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**